F'BARĊELLONA, IL-BELT VALLETTA FUQ QUDDIEM FID-DJALOGU GĦAL BLIET AKTAR SOSTENIBBLI





OLAF MCKAY
Sindku tal-Belt Valletta
www.olafmckay.com

Bdejna ż-żjara tagħna ġewwa l-belt ta' Barċellona lis-Smart City Expo, Expo li jattira eluf ta' delegazzjonijiet u mexxejja minn madwar id-dinja, jiġbor fih l-innovazzjoni u r-riċerka għal bliet aktar sostenibbli u effiċjenti.

Il-parteċipazzjoni tagħna waqt Smart City Expo f'Barċellona, organizzata mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, kienet opportunità biex inwasslu l-prijoritajiet tal-Belt Valletta u nitgħallmu u niddiskutu l-esperjenzi ma' bliet oħra. Fuq kollox, kienet okkażjoni biex nara kif ideat ġodda jistgħu jissarrfu f'ħajja aħjar għar-residenti tagħna.

Belt intelliġenti 'Smart Sustainable Cities' trid tkun belt li tifhem lin-nies, il-qalba tal-komunita. It-teknoloġija għandha tgħinna noffru servizzi aktar effiċjenti, intejbu l-indafa, niffaċilitaw il-mobilità u nagħmlu l-ispazji pubbliċi aktar aċċessibbli. Il-valur tagħha jitkejjel millbidla pożittiva li ġġib fil-ħajja ta' kuljum.

Il-preżenza Maltija fl-Expo kienet organizzata bi professjonalità, bi stand ta' livell għoli li ta viżibbiltà lil pajjiżna u lil kunsilli lokali. Ħajr lil President tal-assoċjazzjoni tal-Kunsilli lokali Mario Fava u t-team tiegħu.

Għal Belt Valletta, dawn id-diskussjonijiet għandhom tifsira partikolari. Aħna belt kapitali storika, b'komunità ħajja u identità b'saħħitha. Irridu nħarsu dan il-wirt waqt li nwieġbu għall-ħtiġijiet tallum. Kull soluzzjoni trid tirrispetta l-karattru tal-belt u tqis lir-residenti u lil dawk li jżuruna.

Matul iż-żjara, bħala Sindku tal-Belt kapitali Valletta, Belt kapitali mediterranja, kelli wkoll l-unur nipparteċipa fil-laqgħa reġjonali tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, l-UNEP, dwar l-awtoritajiet lokali għal bliet sostenibbli fil-Mediterran. Flimkien ma' rappreżentanti ta' bliet oħra, iddiskutejna sfidi li naqsmu bejnietna, it-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-baħar u l-pressjonijiet fuq l-ambjent urban.

Il-messaġġ tiegħi waqt il-konferenza kien wieħed tha fuq skala internazzjonali.

Dawn l-esperjenzi jfakkruna wkoll li l-isfidi lokali jeħtieġu ħidma komuni. L-iskambju mal-bliet barranin jgħinna nifhmu x'ħadem f'kuntesti oħra u neżaminaw x'jista' jkun adattat għalina. Għalhekk, kull kuntatt għandu jkun opportunità għal tagħlim, koperazzjoni u proġetti li jagħmlu differenza.

Issa l-impenn huwa li nkomplu nevalwaw dawn l-ideat u nibnu fuq ir-relazzjonijiet li saħħaħna. Għalija, kull parteċipazzjoni internazzjonali għandha skop wieħed, li ġġib valur lejn il-Belt Valletta. Belt żgħira fiddaqs, iżda b'vuċi, b'ambizzjoni u b'komunità li jistħoqqilha l-aħjar. Il-komunità tibqa' dejjem l-ewwel.



